MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2007

Numru. 1463/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Alexander Grech)**
**vs**
**Charles Buhagiar ta’ 26 sena, bin Angelo u Maria nee Gili, imwieled Pieta’, fis-6 ta’ Novembru, 1981, u joqghod Fred Flats, Flat1, Triq Wied Glaven, Xghajra. I.D. No 621081(M)**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra kontra l-imputat Charles Buhagiar u cioe’ talli talli fit-2 ta’ Dicembru, 2007, bejn is-2.00am u s-2.30am waqt li kien fi Triq il-Qaliet, Marsaskala, u fi Triq Elija u Triq Wied Gloven, Xaghjra attakka jew ghamel reziztenza bi vjolenza jew hebb ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra l-persuna ta’ WPS40 L. Camilleri, PC1489 J. Attard, PC998 D. Schembri u PC737 K.D. Underwood persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu qed jagixxu ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghtija

skond il-ligi minn Awtorita kompetenti, u dan bi ksur tal-artikolu 96 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, ingurja, heddet, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta’ WPS40 L. Camilleri, PC1489 J. Attard, PC998 D. Schembri u PC737 K.D. Underwood persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu jaghmlu jew minhabba li kienu jaghmlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta’ dak is-servizz bi ksur tal-artikolu 95 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talli kkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe` offiza ta’ natura hafifa fuq PC998 D. Schembri, skond ma ccertifika Dr. R. Portelli MD (Reg ) mic-centru tas-sahha ta’ Rahal Gdid u dan bi ksur tal-Artikolu 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta’ WPS 40 L. Camilleri, PC1489 J. Attard, PC 998 D. Schembri u PC 737 K.D. Underwood wegghaghhom bi kliem b’gesti jew b’mod iehor u dan bi ksur ta’ l-artikolu 252(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.;

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b’ghajjat u glied u dan bi ksur tal-artikolu 338 (d) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi qal fil-pubbliku kliem indicenti w oxxen liema kliem kien jikkonsisti f’dagha u dan bi ksur tal-artikoli 338 (b) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta;

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi hebb kontra k-persuna ta’ WPS 40 L. Camilleri, PC1489 J. Attard, PC998 D. Schembri, u PC737 K.D. Underwood sabiex jingurjahom, idejjaqhom jew jaghmlilhom hsara u dan bi ksur tal-artikolu 339 (d) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali biex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl ta' l-ammissjoni maghmulha ma tistax hlief issib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kif dedotti fil-konfornt tieghu.

Illi dwar il-piena l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmulha mill-imputat u l-fatt illi l-imputat jidher illi iddispjacih ghall-akkadut u anke skuza ruhu ma l-ufficjali tal-pulizija.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 96, 95 (1), 221 (1), 252(1), 338(dd), 339(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputat hati ta' l-akkuzi migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal perjodu ta' sitt xhur prigunerija, liema perjodu ta' prigunerija b'applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal zmien sena mill-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------